MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 227/2012

A B sive B mart C D
vs

C D

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-5 ta' Awissu 1962 Dok A u sussegwentement isseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni ta' l-1 ta' Settembru 1987 fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel (Dok B);
2. Illi l-partijiet ilhom jghixu mhux flimkien ghal mill-inqas hamsa u ghoxrin sena;
3. Illi fil-kuntratt ta' separazzjoni hemm ftehim dwar manteniment;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

Tippronunzja l-hall taz-zwieg ossija divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-Artiklu 66D (2) tal-Kodici Civili Kap 16 tal-ligi ta' Malta;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

Illi l-partijiet izzewwgu fil-5 ta' Awissu 1962, fil-Knisja Parrokkjali ta' Kristu Re, fil-lokalita' ta' Rahal Gdid, u sussegwentement isseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni datat 1 ta' Settembru 1987 fl-Atti tan-Nutar Gerald Spiteri Maempel;

Illi l-partijiet verament ilhom jghixu separatament ghal mill-anqas hamsa u ghoxrin (25) sena;

Illi apparti l-kuntratt ta' separazzjoni surreferit, il-partijiet regghu rregoD il-pozizzjoni taghhom dwar il-manteniment tal-mara ezattament fl-14 ta' Settembru 1993, billi saret skrittura privata li biha A B D, rrinunzjat ghad-dritt ta' manteniment spettanti lilha a tenur tal-Artikolu (2) tnejn tal-kuntratt originali ta' separazzjoni personali fost l-obbligu li tirrevoka l-mandat ta' partenza li kienet ghamlet fuq l-esponenti C D; (*Tali skrittura qed tigi annessa ma din ir-risposta u mmarkata bhala Dok VL 1);*

Ghaldaqstant, filwaqt li l-esponenti jiddikjara u jikkonferma s-surreferit realtajiet, fil-fatt u fid-dritt, huwa ma jsib l-ebda oggezzjoni illi l-Qorti :

a. Tippronunzja z-zwieg tieghu ma A B D bhala mahlul;
b. Tiddikjara d-divorzju bejn il-koppja A B D u C D ai termini tal-Artikolu 66D (2) tal-Kodici Civili, Kap. 16, tal-Ligijiet ta' Malta;

Tant ghandu l-esponenti x'jesponi ghal ahjar gudizzju tal-Qorti tal-Familja;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' April, 2012;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Ikkunsidrat :

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-1 ta' Settembru 1987;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, kif ukoll illi ir-rikorrenti irrinunzjat ghad-dritt ta' manteniment spettanti lilha u illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti minn hadd mill-partijiet;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talba, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------